

# Is-surmastrijiet tagħna

**Mro. Anthony Abela**

Kitba ta' Constantine Busuttil



Fl-istorja tas-Soċjetà Filarmonika Stella Maris kienu bosta s-Surmastrijiet li ħallew isem kbir warajhom fis-Soċjetà tagħna tant li baqaw jissemmew minn ġenerazzjoni għal oħra. Ferdinando Camilleri kien missier il-banda, waqt li Antonio Darmanin u ibnu Joseph komplew ikabbru l-isem tal-Banda Stella Maris. Biss l-aktar Surmast maħbub mill-partitarji flimkien ma' Joseph Darmanin, kien bla' dubju Anthony Abela.

Anthony Abela twieled f'Tas-Sliema fid-19 ta' Jannar 1924. Sa minn ċkunitu Toninu kif kienu jsejħulu u kif baqa' magħruf, kien juri inklinazzjoni kbira lejn il-mużika tant li kien beda jiffrekwenta l-Każin tal-Banda Stella Maris fejn beda jieħu l-ewwel lezzjonijiet fil-mużika taħt il-magħruf Surmast Antonio Darmanin. Dawk l-ewwel lezzjonijiet ġewwa l-Każin raw il-bidu ta' rabta ta' fuq minn 40sena bejn is-Soċjetà Filarmonika Stella Maris u Anthony Abela.

Is-Surmast Abela għall-ewwel ħareġ iddoqq mall-Banda Stella Maris bħala klarinettista. Aktar tard kompla l-istudju tiegħu din id-darba bis-saxofon. Meta faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija sfortunatament s-Surmast Abela kellhu jitlaq xi ftit l-istudju tiegħu tal-mużika. Kienu żminijiet iebsa u kienu bosta l-bandisti li kellhom iħallu l-mużika għall-aktar affarijiet importanti. Wara l-gwerra ġie maħtur bħala Surmast tal-Banda Stella Maris Mro. Joseph Darmanin, dan ried bħala Assistent tiegħu ħadd ħlief Toninu Abela li miegħu kien bandist tal-Banda Stella Maris meta din kienet taħt id-direzzjoni ta' missieru. Is-Surmast Darmanin ried bniedem kapaċi u dedikat, għax quddiemu kellhu biċċa xogħol iebsa dik li jerġa' tista tgħid iwaqqaf il-Banda fuq saqajha.

Bil-gwerra bosta bandisti kienu telqu minn Tas-Sliema u meta din spiċċat ma tantx ġew lura malajr. Darmanin u Abela stinkaw kemm felħu sabiex jerġaw iġibu lura l-bandisti jew inkella l-istrumenti li kienu propjeta tal-banda. Apparti dan huma bdew iħajjru żgħażagħ ġodda sabiex jingħaqdu mall-banda. Id-determinazzjoni u l-enerġija tagħhom kienet strumentali sabiex il-Banda Stella Maris fi ftit snin reġgħet lura fuq il-livelli ta' qabel il-gwerra. Il-livell għoli tal-Banda jidher meta fis-sena 1958 il-Malta Band Clubs Association nediet l-ewwel kompetizzjoni mużikali miftuħa għall-alljevi tal-baned Maltin.L-alljevi tal-banda Stella Maris kienu mhejjija bl-aktar manjiera professjonali mis-Surmastrijiet Darmanin u Abela. F'dik il-kompetizzjoni l-Banda Stella Maris rebħet l-ewwel premju.

Is-Surmast Abela mhux biss kien l-assistent Surmast u għalliem ta' l-allevji imma kien ukoll l-arkivista. Apparti l-Banda Stella Maris, Mro. Abela kien iddoqq mas-Salesians Boys Brigade li aktar tard kien surmast ta' l-istess Brigades. Huwa kien ukoll għal sitt snin Surmast Direttur tat-Territorials.

Il-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Stella Maris ħatar lis-Surmast Abela tal-Filarmonika Stella Maris Abela bħala Surmast Direttur tal-Banda b'ittra fl-1 ta' Mejju 1967. Wieħed jista' jgħid li din kienet għażla naturali. Bla' dubju dik il-ħatra kienet waħda mill-aktar mumenti sbieħ fil-ħajja ta' Mro. Abela. Il-ħolma tiegħu tiegħu kienet saret realta'. Huwa kien laħaq Surmast Direttur tal-banda li tant ħabb u li għaliha għamel ħafna sagrifiċċji personali. Is-Soċji u l-partitarji Stella Marjani kienu jafu b'dan u kemm kien jaħdem għall-Banda u għas-Soċjetà, mhux ta' xejn huwa kien tant maħbub.

Is-Sumast Abela kien kompożitur ta' bosta marċijiet u arranġamenti mużikali, biss bla dubju l-aktar kompożizzjoni tiegħu li baqgħat magħrufa huwa bla dubju l-marċ Alfrida. Ta' min jgħid li l-Festa ta' Stella Maris ma tkunx l-istess kieku fil-ġranet tal-Festa ma jindaqx dan il-marċ, tant huwa popolari fost il-partitarji tal-Festa. Mil-melodija tiegħu toħroġ l-imħabba li kellu lejn Stella Maris. Fil-Fatt waħda minn ulied is-Surmast








Abela jisimha Maris għall-Patruna tal-Parroċċa u tas-Soċjetà

Minħabba raġunijiet personali wara l-festa ta' l-1975 huwa kellu jirreżenja mill-kariga tiegħu ta' Surmast. Ftit żmien wara Mro.Abela miet qasir fl-għomor huwa kellu biss 53 sena fid-9 t'April 1977.

Ikun tassew xieraq li meta nisimgħu l-marċ Alfrida speċjalment f'dawn il-ġranet, li niftakru wkoll fuq is-Surmast li kiteb dan il-marċ. L-imħabba kbira li kellu lejn Stella Maris, lejn il-Banda għandha tkun ta' ispirazzjoni għalina. Għaddew fuq tletin sena mill-mewt tiegħu, Anthony Abela ħalla warajh mhux biss kontribut kbir lejn is-Soċjetà iżda fuq kollox memorja sabiħa fost l-imsieħba u l-partitarji.

Riferenzi:

Il-Banda Stella Maris – Herbert Naudi
Tagħrif mogħti lill-awtur mis-Surmast Joseph Darmanin
Tagħrif mogħti lil awtur mis-Sur Raymond Grech

